MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 1072/2012

Fl-Atti tal-Mandat ta’ Qbid Eżekuttiv Numru 1544/2012JZM fl-ismijiet:

**VOLKSBANK MALTA LIMITED** (C - 30432)

vs

Timothy **CAMILLERI** u Corinne Camilleri

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors imressaq minn Timothy u Corinne miżżewġin Camilleri fis-26 ta’ Ottubru, 2012 (aktar ’il quddiem imsejħin “l-eżekutati”) li fih u għar-raġunijiet hemm

imsemmija, talbu li din il-Qorti tordna s-sospensjoni minnufih tal-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Eżekuttiv maħruġ kontra tagħhom minn Volksbank Malta Limited (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Bank eżekutant") fil-25 ta' Ottubru, 2012;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2012, li bih ordnat in-notifika lill-Bank eżekutant u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-5 ta' Novembru, 2012;

Rat it-tweġiba tal-Bank eżekutant imressqa fil-31 ta' Ottubru, 2012, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalet li l-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba tal-eżekutati;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2012, li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar din il-proċedura;

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-eżekutati fit-13 ta' Novembru, 2012[1];

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-Bank eżekutant fid-19 ta' Novembru, 2012[2];

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2012, li bih ħalliet ir-Rikors għal-lum għall-provvediment;

---

[1] Paġġ. 107 – 9 tal-proċess
[2] Paġġ. 110 – 8 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din il-proċedura, l-eżekutati qegħdin jitolbu li, sakemm tinqata' kawża li huma fetħu kontra l-Bank eżekutant, tinżamm l-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid eżekuttiv għaliex b'hekk iġarrbu ħsara li ma titħassarx jekk dik l-eżekuzzjoni titkompla bla ma tkun għadha nqatgħet il-kawża;

Illi l-Bank eżekutant iwarrab din it-talba u jgħid li, għalkemm minn rajh qiegħed għalissa jissospendi l-eżekuzzjoni tal-imsemmi Mandat, it-talba fil-mertu tal-eżekutati hija għal kollox bla bażi u ma hemm xejn fil-mod li bih mexa jew fil-proċeduri li huwa ħa biex issib li t-titolu eżekuttiv li huwa għandu kontra l-istess eżekutati huwa ħażin jew bla siwi;

Illi mill-fatti li ħarġu sa issa jirriżulta li fit-12 ta' Ottubru, 2012, il-Bank eżekutant talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid eżekuttiv[3] kontra l-eżekutati biex teżegwixxi kuntratt pubbliku tat-22 ta' Diċembru, 2010 fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo. Fis-26 ta' Ottubru, 2012, l-eżekutati fetħu kawża[4] kontra l-Bank eżekutat, biex jitolbu li din il-Qorti ssib li l-ittri uffiċjali mibgħuta lilhom mill-istess Bank fis-6 ta' Settembru, 2012 u fl-10 ta' Ottubru, 2012 ma jiswewx u għalhekk li l-Bank eżekutant ma jgawdix it-titolu eżekuttiv li jgħid li għandu u, b'effett ta' hekk, ma jiswiex lanqas il-Mandat eżekuttiv maħruġ kontihom;

Illi dak inhar ukoll, l-eżekutati ressqu r-Rikors tallum;

Illi l-Qorti tqis li l-għan ta' dan il-provvediment huwa biss dak li tara jekk għandhiex tordna t-twaqqif temporanju tal-eżekuzzjoni tal-imsemmi Mandat Eżekuttiv sakemm tinqata' l-kawża li l-eżekutati fetħu kontra l-Bank

[3] Mandat Nru. 1544/12MG
[4] Rik. Nru. 1071/12JRM

eżekutant. Ma hija bl-ebda mod tal-ħsieb li għandha tistħarreġ jew titkellem dwar il-mertu tal-istess kawża jew tas-siwi tagħha;

Illi kif imsemmi tajjeb fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-eżekutati, il-kawża tagħhom tolqot il-qofol ta' l-eżistenza tal-Mandat li jiddependi fuq titolu eżekuttiv li, skond l-eżekutati, ma jeżistix. Għalhekk, il-ħsara li jġarrbu jekk kemm-il darba titħalla tissokta l-eżekuzzjoni tal-imsemmi Mandat qabel ma tinqata' l-kawża miftuħa minnhom tkun waħda li ma tkunx tista' tissewwa, wkoll kieku kellhom jingħataw raġun f'dak li huma talbu fl-istess kawża. Il-Qorti tqis li, bis-saħħa tal-imsemmi Mandat, il-Bank eżekutant talab il-qbid ta' vettura u wkoll tad-dar taż-żwieġ tal-eżekutati;

Illi min-naħa tiegħu, il-Bank eżekutant ma ċaħadx li l-ħsara li ssir jekk l-eżekuzzjoni tissokta ser tkun irriversibbli, iżda baqa' jisħaq fuq il-kwestjoni fil-mertu jew fil-proċedura li biha nqdew l-eżekutati. Kif diġa' ngħad, din il-Qorti m'hijiex sejra tistħarreġ dawk is-sottomissjonijiet għall-finijiet ta' dan il-provvediment;

Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li t-talba tal-eżekutati għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni tal-mandat hija mistħoqqa. It-talba ma tolqotx is-siwi tal-istess Mandat, iżda biss il-mixi 'l quddiem tiegħu sakemm il-Qorti tisma' l-ilment tal-eżekutati fil-mertu. Il-ħsara li jġarrbu l-eżekutati li kieku l-eżekuzzjoni tal-Mandat kellha titħalla tissokta hija ħafna akbar u x'aktarx ma titreġġax lura milli kieku l-istess eżekuzzjoni titwaqqaf għal żmien qasir. Il-Bank eżekutanti ma jġarrab l-ebda nuqqas tal-jeddijiet li huwa għandu fuq il-ħwejjeġ maqbuda diġa u lanqas il-jeddijiet preferenzjali li huwa għandu fuq il-fond maqbud;

Illi l-Qorti tqis ukoll li dan it-twaqqif m'huwiex sejjer jitħalla jkun pretest mill-eżekutati li s-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża miftuħa minnhom jitħalla jitwal iżjed minn dak li

huwa meħtieġ biex idewwem xi jeddijiet li l-Bank eżekutant jista' jkollu kontrihom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba** tal-eżekutati miżżewġin Camilleri u tordna li, sakemm tkun għadha qiegħda tinstema' l-kawża mressqa minnhom kontra l-Bank eżekutant (Rikors Numru 1071/12JRM), tinżamm l-eżekuzzjoni ulterjuri tal-Mandat ta' Qbid Eżekuttiv numru 1544/12MG maħruġ kontra tagħhom fit-12 ta' Ottubru, 2012;

**Spejjeż bla taxxa** bejn il-partijiet

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------